**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Omar Suleyman Nesredin**

Kaz Nru: 1081/2014

Illum, 6 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omar Suleyman Nersredin ta' 40 sena, iben Souleyman u Kubra', imwieled Darfour, Sudan fil-25 ta' Mejju 1974 u residenti 120, Triq Villambrosa, Hamrun detentur ta' karta tal-identita' 35751 (A) u detentur bin-numru tal-pulizija tal-immigrazzjoni 05DD-005:

Akkuzat talli fl-1 ta' Novembru 2014 u x-xhur ta' qabel, ghall-habta ta' 20:10 hrs f'Malta, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MMM-262, ma kellux licenzja tas-sewqan, u dan bi ksur

tal-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal-Artikoli 183, 184 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenji kollha tieghu tas-sewqan.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab akkuzat li saq minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan kif ukoll b'falsifikazzjoni.

Mill-provi jirrizulta li l-imputat, ta' nazzjonalita' Sudaniza, fl-1 ta' Novembru 2014 twaqqaf minn ufficjali tal-pulizija fi hdan ir-*rapid intervention unit* billi rawh isuq b'velocita' eccessiva. Meta ntalab jipproduci l-licenzja tas-sewqan jew xi dokument ta' identifikazzjoni huwa ma kellu l-ebda dokument fuqu. Meta ttiehed fl-ghassa tal-Hamrun, l-imputat qalilhom li seta' jgibilhom il-licenzja tas-sewqan. B'hekk huwa mar igib id-dokument li fuqu kien hemm indikat li huwa *international driver's license* u meta hadu fl-ghassa tal-Hamrun dan id-dokument kien suspettat li huwa falz. Ghaldaqstant l-imputat inzamm ghal aktar stharrig. Ittehditlu stqarrija fejn huwa tenna li ma kienx jaf li l-licenzja kienet falza, li huwa kien gabha minghand haddiehor mil-Libya u qal li l-Marsa ra hafna nies juzawha.

Mir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti jirrizulta li mill-ezamijiet maghmula fuq l-istess dokument EMC3 irrizulta li dan id-dokument huwa *fantasy jew pseudo document,* liema dokument ma jirraprezenta l-ebda dokument ufficjali u ma jistax jintuza' ghal ebda skop ta' prova ta' identifikazzjoni, prova ta' kwalifika jew rikonoxximent.

Ghalhekk abbazi ta' dawn ir-rizultanzi l-ewwel imputazzjoni giet ampjament ippruvata.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni din il-Qorti abbazi tal-provi prodotti ma tqisx li tista' ssib htija. Fl-ewwel lok ma giex ippruvat u d'altronde' lanqas allegat li l-imputat kien l-awtur ta' din il-falsifikazzjoni. Inkwantu ghax-xjenza li huwa kien qieghed juza' dokument falz lanqas ma tinsab ippruvata – l-imputat dejjem sostna, anki fix-xhieda tieghu, quddiem din il-Qorti li huwa ma kellux ghalfejn jahseb li d-dokument huwa falz billi huwa kellu licenzja qabel[1] u dan kien biss traduzzjoni u inoltre' huwa kien anki assigura l-karozza misjuqa minnu u dan kif irrizulta minn Dok EMC 6 liema dokument gie ezebit mill-ufficjal prosekutur.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, wara li rat l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena.

Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tmint ijiem. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

Inoltre' tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €618 rapprezentati hlas tal-ispejjez tal-espert nominat. Il-Qorti qeghda taghti zmien tlett (3) snin lill-imputat sabiex ihallas l-istess spejjez, f'kaz li tali spejjez jew parti minnhom ma jithallsux l-ammont rimanenti jigi konvertit fi prigunerija.

[1] Li giet ezebita

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat